# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 19

Il-Hamis, 28 ta' Mejju, 2009

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' b'urgenza fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fil-5.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillieri Valerie Borg, Mario Camenzuli u Peter Buontempo.

Il-Kunsillier Azzopardi informa li kien xoghol filwaqt li l-Kunsillier Farrugia informa li ma setghax jattendi u ghalhekk gew skuzati.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## KUNTRATT TAR-RESURFACING TAT-TOROQ

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien sejjah din il-laqgha b'urgenza sabiex ix-xoghol mehtieg ikun jista' jibda malajr ghax fis-Sajf ma jinhargux permessi ghal xoghol f'areas turistici. Jekk ma jkunx possibli li x-xoghol jibda qabel is-Sajf, jilhqu jingiebu l-permessi mehtiega sabiex dan jibda immedjatament wara s-Sajf. Ghaldaqstant huwa pprezenta r-rapport li hejja l-kumitat ad hoc li twaqqaf sabiex jevalwa l-offerti (Appendici A).

Huwa nforma lill-Kunsill li l-pavimentar tal-Main Guard u Triq ir-Repubblika ser jibqa' sejjer sa Triq San Kristofru. Ghaldaqstant issugerixxa li t-tarmac ta' Triq ir-Repubblika li ser jaghmel il-Kunsill jibda minn Triq San Kristofru s'isfel.

Il-Kunsillier Buontempo staqsa x'ried ifisser bil-kummenti li saru fir-rapport dwar Polidano Bros u Asfaltar Ltd.

Is-Sindku wiegeb li b'ricerka li ghamel ukoll fuq l-internet, sar jaf li Polidano Bros u Asfaltar Ltd ghandhom kumpaniji bi shab u jsir hafna sub-contracting bejniethom.

Il-Kunsillier Borg staqsiet kif jaf li Schembri Infrastructures Ltd qed jaghmel xoghol tajjeb.

Is-Sindku wiegeb li hemm evidenza li dawn qed jaghmlu xoghol tajjeb lill-ADT u dawn kuntenti bihom.

Il-Kunsillier Buontempo qal li hu ma setghax jelimina barra lill-Polidano Bros u Asfaltar Ltd ghax jaf li jaghmlu xoghol tajjeb.

Il-Kunsillier Camenzuli qal li hu kien qaghad fuq stharrig li ghamel il-Vici Sindku u li sab li Schembri m'ghandux x'jaqsam ma' l-ohrajn.

Ghaldaqstant b'erba' voti favur ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat ta' l-evalwazzjoni ta' dawn l-offerti u astensjoni tal-Kunsillier Buontempo, kien hemm qbil li l-offerta tinghata lill-Schembri Infrastructures Ltd..

## KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***Gnien Hastings***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu ser jidhru riklami ta' gnien Hastings mill-Busy Bee f'xi magazines lokali.

Il-Kunsillier Borg staqsiet jistghax ikun hemm *caterer* iehor li jista' jaghmel dan.

Is-Sindku wiegeb li fiz-zmien tal-kuntratt, li ser ikun ghall-perjodu ta' ghaxar snin, dawn it-tip ta' functions ikunu jistghu isiru biss mill-Busy Bee.

***Pjazza Mattia Preti***
Is-Sindku pprezenta xi disinji tal-proposti ghal pjazza Mattia Preti. Kien hemm qbil li jingiebu bill of quantities tax-xoghol involut sabiex il-Kunsill ikollu idea ta' l-ispejjez involuti.

**TMIEM**

Fis-6.15pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku